# LEHEN IL-MALTI

IT-XLII SENA 1973 GHADD 18

## TIFKIRA TA' HABIB LIL HABIB

META żewġt iħbieb isiru jafu lil xulxin u kull meta jiltaqgħu dejjem jitkellmu fuq dak li għandhom għal qalbhom, f'dak il-ħin qatt ma jidħlilhom f'rashom li xi darba xi ħadd minnhom irid jinfired mill-ieħor. Hekk hu magħmul il-bniedem. Sakemm il-moħħ jaħdem, il-qalb tħabbat u l-ħbiberija tgħaqqad, wieħed dejjem jaħseb f'dak il-ħin u fl-għada u minn moħħu jwarrab il-ħsieb tal-mewt li għandha isem kull iwieħed minna mniżżel fil-ktieb iswed tagħha.

Meta jiena u s-sur Nin għal ħafna snin iltqajna u tkellimna ma' xulxin, dejjem ħassejna l-istess ġibda ta' bejnietna tressaqna lejn xulxin biex nitkellmu fuq is-suġġett l-aktar għal qalbna: il-Malti u ġrajjietu. Illum li l-mewt warrbitu minn fostna fl-għomor sabiħ ta' disgħin sena, is-Sur Nin, kif kulħadd kien isejjaħlu, għadu jidher f'moħħi u fil-moħħ ta' ħbieb oħra tiegħu, bħala studjuż u ħabib li l-kumpanija tiegħu kienet dejjem maħbuba għax qalbu baqgħet żagħżuha, anke meta ġismu xjieh bit-toqol taż-żmien. Jien u s-Sur Nin sirna nafu lil xulxin meta kont għadni student, noqgħod il-Birgu mal-familja ta' zijuwi fejn kien jiġi ta' spiss jarani l-aktar biex jitħaddet miegħi fuq il-Malti għax ma nafx li kien jitħaddet fuq xi ħaġa oħra ħlief fuqu u fuq xi tifkiriet oħra ta' ħajtu u ħbiebu. Fost dawn niftakru li kien isemmi l-avukat Karmenu Mifsud Bonnici (il-Gross); Dr. Ġużè Micallef u ħabib qadim ta' żgħożitu, Dr. Galea li kien miet meta kien hawn l-imxija ta' l-Ispanjoli li qatlet ħafna nies. Dan Galea mingħalija kien jiġi ħu Monsinjur Pawl Galea, li fil-*Malti* ta' l-*Għaqda* kemm-il darba xandar traduzzjonijiet mill-*Promessi Sposi* ta' Alessandro Manzoni.

Daqs kemm għadda żmien mill-ewwel darba li sirna nafu 'l xulxin ma nasalx biex niftakar il-waqt sewwa li ltqajna l-ewwel darba. Kull ma naf hu li sirna nafu lil xulxin il-Birgu fejn, kif għidt, kien jiġi jarani u joqgħod jitkellem miegħi fuq il-Malti. Qrabati tad-dar tal-Birgu mill-ewwel kienu jagħarfu li ġej għandna mit-tqaħqiha nervuża ta' gerżumtu, li kważi kienet tħabbar il-preżenza tiegħu kull fejn imur. Kemm-il darba ħadni

miegħu għand Miss May Butcher f'Amery street, tas-Sliema, li qalbitlu bl-Ingliż *Vassalli u Żmenijietu* u l-*Fidwa tal-Bdiewa*.

Bħalissa qed inġibu quddiem għajnejja jitbaqbaq u jitbegħren qisu skorfna (Min qal li l-inkwiet joqtol in-nies?) għaliex il-Prinċipal tiegħu kien ordnalu f'isem il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, dak iż-żmien Dr Enrico Mizzi, biex bħala traduttur fil-gazzetta tal-gvern ma jibqax juża l-ortografija ta' l-*Għaqda* u juża minflokha ortografija Taljana kif għoġbu joħloqha l-Ministru ta' l-Edukazzjoni li kien waħħalha f'moħħu li l-ortografija ta' l-*Għaqda* kienet qed taqtagħna mill-Ewropa u li l-użu ta' l-ittri *j* u *w* kienu maħsuba biex jagħtu sura Ingliża lill-kitba Maltija (il-kwistjoni tal-lingwa kienet il-babaw ta' dak iż-żmien). Bħala impjegat tal-Gvern, is-Sur Nin ma setax jagħmel ħaġa oħra ħlief joqgħod għal din l-ordni; imma tgħidx kemm gerger, ħambaq u tmasħan u sa kiteb memorandum lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni biex jurih li dawn iż-żewġ ittri joħorġu waħedhom mill-istess struttura ortografika tal-Malti. Imma l-politikanti m'humiex lingwisti u jifhmu biss dak li jaqblilhom jifhmu. Is-Sur Nin kellu jitqanna bl-ortografija mwikkija lilu mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni sa ma ġew żmenijiet oħra.

Niftakar li kemm-il darba kien kellimni fuq il-manuskritt li kellu taddramm "IL-FIDWA TAL-BDIEWA" li kien kitbu meta kien għadu spettur sanitarju. Tlabtu biex nara l-manuskritt li kien miktub b'ittri kbar fuq romblu ta' karti. Jekk qed niftakar sewwa, il-kaligrafija kienet ta' waħda minn ħutu l-bniet. Tahuli naqrah, għoġobni, issuġġerejtlu xi tiswijiet u xi tibdil, l-aktar fejn il-perjodar kien twil wisq u komplikat u s-suġġerimenti tiegħi kien joqgħod għalihom, għalkemm ma kontx għadni ħlief daqsxejn ta' student. Fost il-kwalitajiet tajba tas-Sur Nin, innutajt dejjem dik li wieħed isejjaħ "umiltà ntellettwali". Ħajjartu jistampa *Il-Fidwa tal-Bdiewa* biex ma jħallix dan ix-xogħol jintilef u stampah għall-ewwel darba silta silta fit-"Teacher".

Tifkira oħra li baqgħet f'moħħi hi kemm feraħ meta jien għamilt kritika letterarja ta' żagħżugħ student li kont, tal-ġabra poeżiji tiegħu *Weraq Mar-Riħ*. Daqskemm ħa gost, għamel xi kopji minnhom biex iqassamhom u jagħtihom lill-ħbieb kif kien iħobb jagħmel b'kull xogħol li jistampa.

Meta kont editur tal-*Journal of the Malta University Society* kien jiktibli studji qosra fuq il-Malti. Dawn l-istudji wieħed għadu jista' jaqrahom f'din ir-rivista Universitarja bl-Ingliż li jiena bqajt noħroġ sa l-1937. Is-Sur Nin baqa' jħobb jitkellem miegħi fuq il-Malti u l-grammatika tiegħu ma' tul is-snin kollha li bqajna nafu lil xulxin; baqa' dejjem jiġi id-dar għal xi taħdita sew wara li żżewwiġt, meta kont noqgħod strada Sant'Andrea, l-Belt (wara l-Gwerra ma kienx hemm fejn tagħżel biex toq-

għod) sew wara li l-post tal-Belt li kien ġa mheżżeż bil-bombi tal-gwerra, meta darba għamel maltemp kbir kien waqa' biċċa minnu (kien hemm min ħaseb li bqajna mirdumin) mort noqgħod bil-familja l-Furjana. Għaż-żmien kollu li domt il-Furjana, is-Sur Nin ftit drabi kien jonqos ma jiġix jarani. Meta kien isibni għandi x'nagħmel kien jintafa' f'pultruna jistenna, (xi drabi kien jieħu xi nagħsa) dejjem biex ikellimni fuq l-istess suġġett: Malti, grammatika, kittieba tal-Malti, ħajjin u mejtin u xi problemi li kienu jħabbtulu rasu dik il-ħabta. Jien kont noqgħod f'appartament fl-ewwel sular. Ma kienx jilħaq jirfes l-għatba ta' barra li ma konniex nisimgħu dik it-tqaħqiha tiegħu. Mill-ewwel il-mara u t-tfal kienu jgħidu 'Wasal is-Sur Nin!".

Imma ngħid is-sewwa, il-kumpanija tiegħu ma kenitx iddejjaqni għax għalkemm kien qed jikber sewwa fl-għomor, kien hemm żewġ ħwejjeġ li minnhom infushom idejqu l-qalb u li hu qatt ma kien isemmihom. Qed ngħid għal mard u x-xjuħija. Is-Sur Nin li kellu d-dar tiegħu Raħal Ġdid fi triq Sant'Ubaldesca, ta' kull filgħaxija kien joħroġ iqatta' ż-żmien il-Furjana, ma' xi ftit ħbieb li kien isib fil-*London Confectionary,* wara kien qabad xi ħanut żgħir ieħor, il-Furjana wkoll u fil-Club tal-Fsobians. Meta imbagħad fis-sena 1965, jiena ġarrejt għal Ħal Balzan, fejn għadni sa llum, is-Sur Nin bħal tfixkel għax fija tilef wieħed mill-ħbieb li kien jista' jiftaħ qalbu miegħu fuq xi suġġett ta' nteress komuni.

Bħalissa qed jiġi f'rasi li stajt tajt l-ideja li moħħ Cremona kien idur fuq numru limitat ta' suġġetti. Biex ngħid is-sewwa, moħħ Cremona kien tabilħaqq idur il-ħin kollu fuq il-Malti u dak li għandu x'jaqsam mal-Malti. Fuq il-politika ma kien jitkellem qatt ħlief meta din kienet tolqot il-Malti. Il-konversazzjoni kien ivarjaha biss b'xi reminixxenzi minn ħajtu l-imgħoddija, x'uħud minnhom romantiċi u b'xi kritika ta' xi wħud mill-kittieba tal-Malti li kien iħoss jew li l-interess tagħhom fis-suġġett ma kienx ġenwin jew inkella li kellhom aktar kliem milli fatti. Meta jif-tillu jikkritika kien ikun jaf ikun iebes.

Xi ċajta kien iħobbha; kellu dak li l-Ingliżi jgħidulu *s-sense of humour* u dawk li jiftakruh jiġi l-Università daqqa għal ħaġa u daqqa għal oħra kienu jħobbu jkellmuh u jiċċajtaw miegħu għax, kif għidt, għalkemm kien mgħobbi bis-snin, qalbu baqgħet żagħżugħa. Kien jifhem aktar liż-żgħa-żagħ milli lix-xjuħ ta' żmienu. Karattru mill-aħjar, l-aktar meta wieħed jiftakar li meta l-bniedem jixjieħ isir pittma u fonqla.

Għal ħafna snin is-Sur Nin ħadem miegħi bħala wieħed mill-eżaminaturi tal-Malti u kien skrupluż wisq x'ħin konna niġu għall-għadd tal-marki. Billi l-pensjoni tiegħu kienet żgħira, kif kien igħidlu hu, il-ħlas barrani bħala eżaminatur kien igħinu biex jilqa' l-bżonnijiet tal-ħajja li jikbru

max-xjuħija. Xi żmien ilu kont kellimtlu personalment żewġ Ministri tal-Gvern biex kif l-istess Gvern Laburista tas-sena 1947 kien ħareġ pensjoni lil Dun Karm Psaila, l-aktar bis-saħħa tal-Ministru Ġużè Ellul Mercer għal darba oħra l-istess Gvern, li hu fis-setgħa illum, joħroġlu pensjoni ċivili għall-merti tax-xogħol li għamel għall-Malti. Fissirtilhom li dil-pensjoni ma kinetx ser tkun piż għall-Gvern għax bniedem li jkun qorob, jew laħaq, id-disgħin sena ma kienx ser idum jieħu din il-pensjoni. Li kieku t-talba ntlaqgħet, għal Cremona fi xjuħitu pensjoni ċivili kienet tkun ta' xi faraġ u sodisfazzjon ftit snin qabel mewtu. Imma għal xi raġuni jew oħra x-xorti ma għenitux. Madankollu, is-Sur Nin kellu s-sodisfazzjon jara l-Università ta' Malta tagħraf pubblikament, fuq talba tiegħi, il-merti lingwistiċi u letterarji tiegħu billi fis-sena 1960 tagħtu l-Onorifiċenza Akkademika ta' D.Litt. (*Doctor of Literature*).

Meta xi ftit snin qabel mewtu kellu, fuq qalbu, jitlaq minn Malta u jmur joqgħod Għawdex ma' qrabatu fejn is-Sinjorina Ester Busuttil baqgħet iddur bih sa l-aħħar, qisha bintu, is-Sur Nin ħabat sa jagħmel f'qalbu għax ma kienx għadu jista' jibqa' jara l-ħbieb li kellu f'Malta. Beda jagħmel tajjeb it-telefon, jew mill-każin magħruf tas-Sinjuri fi pjazza Sabina jew mill-uffizzju tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni fil-*Banca Giuratale*. Fuq suġġeriment tiegħi, l-Università stampatlu ktieb ta' poeżija jismu: *Mis-Siġra ta' Ħajti: Weraq mar-Riħ* (1970) u ieħor ġabra ta' Proża: *Antoloġija ta' Proża Maltija* (1970). Jien tħabattlu biex l-Università mhux biss tagħtih ir-*royalties* fuq dawn iż-żewġ kotba fuq wieħed wieħed kif jinbiegħu, imma tagħtih somma f'daqqa biex jista' jilħaq malbżonnijiet ta' xjuħitu u jgawdi l-frott ta' xogħlu f'ħajtu. Kollox irid iż-żmien tiegħu imma s-Sur Nin li, fl-aħħar tliet snin jew sentejn ta' xjuħitu, beda jitlef xi ftit mill-elastiċità tal-karattru tiegħu forsi għax beda jħoss iżjed l-għaġla ta' l-aħħar snin, kien ta' sikwit iċempilli minn Għawdex biex jara x-xogħol kif inhu sejjer. Billi kien ittarrax sewwa, il-konverżazzjoni fuq it-telefon kienet saret problema għalina t-tnejn u għalhekk kont nitlob lil dak li kien iqabbdu miegħi minn Għawdex biex jidħol bejnietna ħalli nfissru rwieħna bla telf ta' żmien.

Ta' kull darba li kont immur Għawdex kont immur narah u noqgħod nitkellem miegħu sa ma ż-żmien għafsu ħafna. In-nies tar-Rabat u ta' Marsalforn kienu drawh jiġġerra jfittex issa ħabib issa ieħor biex ikollu ma' min jitkellem dejjem fuq il-Malti. Imbagħad biż-żmien ix-xemgħa ta' ħajtu bdiet tnemnem u tnin ftit ftit. L-aħħar sena ta' ħajtu għaddieha nkwetat ma jafx kif ser jibda jeħles mill-kotba li kellu fid-dar ta' Sant'Ubaldesca, Raħal Ġdid li ġa kien biegħ xi wħud minnhom lill-Biblijoteka ta' l-Università u kien jistenna li l-Kunsill Ċiviku jixtrilu l-kotba li kien

baqagħlu għall-librerija ta' Għawdex.

Ippruvajt kemm-il darba nipperswadih jitlaq il-kera li kien qed iħallas għalxejn f'Malta u jġib f'Għawdex fejn kien mar joqgħod it-telefon li kellu fid-dar ta' Malta. Kien kollu għalxejn. Il-moħħ tas-Sur Cremona kien wasal fi stat fejn ma baqax jista' jiċċaqlaq biex jiddeċiedi 'l hawn jew 'l hemm. Madanakollu, is-Sur Cremona baqa' simpatiku f'imġibtu, ħelu fi kliemu u twajjeb fil-karattru tiegħu sa l-aħħar jiem ta' ħajtu. Għadni narah inkwetat kif ser jibda jwieġeb xi mistoqsijiet li Ġużè Chetcuti kien għamillu dwar xi poeżiji tiegħu, għax fl-aħħar xhur ta' ħajtu kien isibha bi tqila biex jikteb. Meta kont immur narah flimkien ma' marti li kien jieħu gost jaraha għax kien jiftakar fil-kafè u x-sherry li kienet tagħmillu ta' kull darba li kien jiġi għandna l-Furjana, kont tarah jifraħ bina u, li kien minn għalih, konna nibqgħu nkellmuh wisq iżjed miż-żmien li kellna.

Darba waħda, fl-aħħar żjara li għamilnielu, kellu f'idejh il-ktieb *Is-Sigra ta' Hajti*. Dan il-ktieb waqagħlu minn idejh dgħajjfin bix-xjuħija. Fil-waqgħa ta' dan il-ktieb dak il-ħin ħassejt il-waqgħa tas-siġra tal-ħajja tas-Sur Nin Cremona.

Illum nara kemm għamilt sewwa li meta kien għadu f'sikktu ħajjartu jagħti lill-Bibljoteka ta' l-Università manuskritti li jixħtu dawl fuq il-ġrajja tal-Malti fi żmenijietu.

Illum li ma għadux magħna, baqagħlna t-tifkira tiegħu, tifkira ta' raġel dħuli u studjuż li għex għall-Malti u li, bil-kitba tiegħu, qiegħdu fuq sisien sodi.

Dan l-għadd speċjali ta' *Leħen il-Malti*, li għenni ħafna nieħu ħsiebu s-Sur Ġużè Cardona, hu xhieda tal-qima tagħna għalih u fuq kollox wirja ta' mħabba u għożża tal-*Għaqda Tal-Malti (Università)*.

20 ta' Jannar, 1973 — Ġ. AQUILINA